Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,180, 27 ta' Diċembru, 2001
Taqsima B

A.L. 324 ta' l-2001

ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI (KAP. 376)

Ordni ta' l-2001 dwar l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Hatra ta' Awtorità Kompetenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 dwar l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Hatra ta' Awtorità Kompetenti).

Hatra.

2. Il-Ministru tal-Finanzi qiegħed permezz ta' dan l-Ordni jaħtar liċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-Awtorità Kompetenti għall-għanijiet ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji b'effett mill-1 ta' Jannar, 2002 u sakemm joħroġ avviz ieħor.

A.L. 167 ta' l-1994 imħassar.

3. Mingħajr preġudizzju għal kull ma setà sar jew naqas milli jsir skond il-liġi l-Ordni ta' l-1994 dwar l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Hatra ta' Awtorità Kompetenti), li ħatar lill-Bank Ċentrali ta' Malta bħala l-Awtorità Kompetenti għall-għanijiet ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, għandu jitħassar b'effet mill-1 ta' Jannar, 2002.